Forzi Armati ta' Malta, uffiċjali u suldati li jattendu kors ta' taħriġ barra minn Malta jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu perjodu ta' servizz mandatorju, wara li jkunu temmew it-taħriġ tagħhom.

25. Uffiċjali Kadetti u Uffiċjali li għal xi raġuni jonqsu li jtemmu xi wieħed mill-perjodi ta' servizz mandatorju msemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' hawn fuq, jistgħu jkunu mġiegħla jirrifondu lill-Gvern ta' Malta l-ispejjeż kollha li jkun ħallas il-Gvern, kemm fit-taħriġ bażiku fl-ewwel sena kif ukoll għal taħriġ barra minn Malta, fuq bażi prorata.

27. Aktar informazzjoni fuq il-FAM tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (https://afm.gov.mt/).

Is-7 ta' Lulju, 2023

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Sejħa għall-ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)**

*Suldat Regolari, Suldat Regolari b'tagħlim tekniku u Suldat Regolari bi sfond mużikali*

1. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet jistieden applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' suldati sabiex iservu fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

2.1 L-applikanti:

a. għandhom ikunu ċittadini Maltin;

b. għandhom ikunu għalqu t-tmintax-il (18) sena sal-31 ta' Diċembru 2023 u ma jkunux għalqu t-tletin (30) sena sat-30 ta' April 2024;

c. għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb;

d. għandhom ikunu twal tal-anqas 1.57m fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli pparagunat mat-tul;

e. m'għandux ikollhom tattoos eċċessivi, u żgur mhux fuq il-wiċċ u l-għonq u l-wiċċ tal-id jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indeċenti jew razzisti fuq kull parti tal-ġisem;

f. (i) ikollhom ċertifikati fil-lingwa Maltija, il-lingwa Ingliża u l-Matematika f'Livell 2 tal-MQF (b'minimu ta' Grad E jew 3 fil-każ ta' eżamijiet ta' Edexcel (London) jew Grad 7 fil-każ ta' eżamijiet taċ-ĊES (SEC), jew livell komparabbli);

officers and soldiers who undertake overseas training may be required to serve for a period of mandatory service, following the completion of their training.

25. Officer Cadets and Officers who fail to complete any of the mandatory periods of service referred to in the previous paragraphs may be required to refund to the Government of Malta all the expenses incurred by the Government both during the first year of basic training and during overseas training, on a pro-rata basis.

27. Further information on the AFM can be found on the AFM website (https://afm.gov.mt/).

7th July, 2023

EXAMINATIONS DEPARTMENT

**Call for the enlistment of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force)**

*Regular Soldier, Regular Soldier with technical background and Regular Soldier with a musician background*

1. The Registrar of Examinations invites applications for the enlistment of soldiers to serve in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

Eligibility Requirements

2.1 Applicants must:

a. be Maltese citizens;

b. be eighteen (18) years of age by 31 December 2023 but have not reached the age of thirty (30) by 30 April 2024;

c. be of good moral character;

d. be not less than the minimum height required, i.e. 1.57m for males and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height;

e. not have excessive tattoos, and definitely not on face, neck and face of the hand, or tattoos that are offensive, extremist, indecent, or racist on any part of the body;

f. (i) be in possession of a pass in the Maltese language, English language and Mathematics at MQF Level 2 (at least at Grade E or 3 in the case of Edexcel (London) examinations or Grade 7 in the case of SEC examinations, or a comparable level);

JEW

(ii) ikollhom kwalifika rikonoxxuta mhux inqas minn livell MQF 2, jew Secondary School Certificate and Profiling Qualification f’livell MQF 2, li ngħata mhux qabel l-2015. Fiż-żewġ każijiet, il-komponenti tal-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika għandhom ikunu inklużi bħala core subjects f’livell mhux anqas minn MQF 2.

JEW

(iii) jgħaddu b’suċċess eżami tal-kitba fis-suġġett/i mitluba (il-lingwa Maltija, il-lingwa Ingliża u l-Matematika) li jitmexxew mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali bħala parti minn dan il-Proċess ta’ Għażla.

Dawk l-applikanti li jkunu għaddew mill-eżamijiet tal-kitba li kienu parti minn sejħiet preċedenti maħruġa għall-ingaġġ ta’ suldati fil-Forzi Armati ta’ Malta (Forza Regolari) mill-2013 (MGG 19,144 datata 27 ta’ Settembru, 2013) ’il quddiem, jiġu eżentati milli jpoġġu għall-eżamijiet rispettivi.

U

g. (i) fil-każ ta’ Suldati Regolari bi sfond tekniku l-applikanti għandhom ikunu fil-pussess tar-rekwiżiti mniżżlin f’para f (i) jew (ii) jew (iii) kif ukoll ikollhom BTEC/MCAST diploma (Livell 3 tal-MQF jew ogħla) jew ekwivalenti minn istituzzjoni rikonoxxuta.

JEW

(ii) fil-każ ta’ Suldati Regolari bi sfond mużikali l-applikanti għandhom ikunu fil-pussess tar-rekwiżiti mniżżlin f’para f (i) jew (ii) jew (iii) u jkunu mużikalment profiċjenti f’istrument wieħed jew iktar.

2.2. Il-FAM jistgħu jikkunsidraw li jingaġġaw lil dawk l-applikanti li jonqsu milli jiksbu r-rekwiżiti indikati fil-para. f (i) jew (ii) jew (iii). Huwa obbligatorju li dawn l-applikanti jiksbu r-rekwiżiti speċifikati sabiex javvanzaw fil-gradi skont l-istruttura tal-gradi tal-FAM. Il-persuni ingaġġati li ma jkunux jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti deskritti fil-paragrafu f (i) jew (ii) jew (iii) ma jkunux eliġibbli għall-promozzjonijiet sakemm jiksbuhom.

2.3 Għandha tingħata preferenza lill-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafu 2.1 f (i), (ii) u (iii).

3. Kwalifiki li huma ta’ livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għal skopijiet ta’ eliġibbiltà sakemm dawn jissodisfaw is-suġġetti mitluba.

4. Proċess ta’ Għażla

OR

(ii) be in possession of a recognised qualification at MQF Level 2, or a Secondary School Certificate and Profiling qualification at MQF Level 2, awarded not earlier than 2015. In both cases, components in Maltese, English language and Mathematics must be included as core subjects at least at MQF Level 2.

OR

(iii) be successful in a written examination in the required subject/s (Maltese language, English language, and Mathematics) which shall be conducted by the Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations as part of this Selection Process.

Applicants who have passed the written examinations forming part of previous calls issued for enlistment of soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force) from 2013 (MGG 19,144 dated 27 September, 2013) onwards will be exempted from sitting for the respective examinations.

AND

g. (i) in the case of Regular Soldier with technical background applicants must be in possession of the requirements listed in para f (i) or (ii) or (iii) as well as a BTEC/MCAST diploma (MQF Level 3 or higher) or an equivalent qualification from a recognised institution.

OR

(ii) in the case of Regular Soldier with a musician background applicants must be in possession of the requirements listed in para f (i) or (ii) or (iii) as well as be musically proficient in one of more instruments.

2.2 The AFM may consider engaging applicants who fail to achieve the requirements listed in para. f (i) or (ii) or (iii). It is mandatory for these applicants to obtain the specified requirements in order to progress through the ranks as per AFM rank structure. Enlisted personnel who are unable to meet the requirements outlined in para f (i) or (ii) or (iii) will be ineligible for promotions until they successfully attain them.

2.3 Preference shall be given to applicants who meet requirements specified in para 2.1 f (i),(ii) and (iii).

3. Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

4. Selection Process

4.1. Il-Proċess ta' Għażla jikkonsisti fi:

Parti I – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika
Parti II – Eżami tal-Kitba skont para. 2(f)(iii) fejn applikabbli
Parti III – Intervista
Parti IV – Test Militari
Parti V – Eżami Mediku

Il-Partijiet I, III u IV isiru fl-istess jum. L-applikanti jingħataw informazzjoni rilevanti iktar 'il quddiem.

4.2 Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew itemmu xi parti mill-Proċess ta' Għażla jiġu kkunsidrati li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

4.3 Applikanti li f'xi ħin jinstabu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mniżżlin f'paragrafu 2 ma jitħallewx ikomplu l-Proċess ta' Għażla u jiġu annullati r-riżultati tagħhom.

4.4 Il-postijiet vakanti ta' din is-sejħa jimtlew skont l-ordni finali tal-mertu li jappartjeni għal din is-sejħa.

L-ordni tal-mertu finali jibqa' validu sa tmien xhur minn meta jiġi ppubblikat ir-riżultat finali. L-ordni finali tal-mertu, li jappartjeni għal din is-sejħa, ikun determinat mit-total tal-punti miksuba fil-Proċess ta' Għażla kif ġej:

Parti I – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika (Punti: Massimu 300, Minimu 150);

Parti III – Intervista (Punti: Massimu 300, Minimu 150. Massimu ta' 100 punt addizzjonali jingħataw għall-kwalifiki addizzjonali, basta l-applikanti jiksbu minimu ta' 150 marka fl-Intervista).

5. Parti I – Eżami tal-Effiċjenza Fiżika

5.1 Parti I tal-Proċess ta' Għażla se titmexxa mill-Forzi Armati ta' Malta. L-applikanti jiġu mkejla għat-tul sabiex jiġi żgurat li jilħqu l-ħtiġiet stipulati f'paragrafu 2 ta' din is-sejħa. L-applikanti jkunu meħtieġa jgħaddu minn Test ta' Effiċjenza Fiżika biex jiġi żgurat li jkunu fiżikament f'saħħithom skont l-istandards tal-Forza Regolari.

5.2 I-istandards minimi huma kif ġej:

a. 1 mile run – mhux aktar minn 8 minuti u 30 sekonda fil-każ tal-irġiel u 10 minuti u 18-il sekonda fil-każ tan-nisa;

b. Push-ups – mhux anqas minn 30 darba fil-każ tal-irġiel u 11-il darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' 2 minuti;

c. Sit-ups – mhux anqas minn 37 darba fil-każ tal-irġiel u 35 darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' 2 minuti.

4.1 The Selection Process consists of:

Part I – Physical Efficiency Test
Part II – Written Examination as per para. 2(f)(iii) where applicable
Part III – Interview
Part IV – Military test
Part V – Medical Examination

Parts I, III and IV shall be held on the same day. Applicants shall be provided with relevant information in due course.

4.2 Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

4.3 Applicants who at any time are found not to fulfil the requirements laid out in paragraph 2 shall not be allowed to proceed with the Selection Process and shall have their results annulled.

4.4 Vacancies for this call will be filled in accordance with the final order of merit pertaining to this call.

The validity of the final order of merit will expire after eight months from publication of the final result. The final order of merit, pertaining to this call, will be determined by the total points gained in the Selection Process as follows:

Part I – Physical Efficiency Test (Points: Maximum 300, Minimum 150);

Part III – Interview (Points: Maximum 300, Minimum 150. An additional maximum 100 points shall be given for additional qualifications, provided applicants obtain a minimum of 150 marks in the Interview).

5. Part I – Physical Efficiency Test

5.1 Part I of the Selection Process will be conducted by the Armed Forces of Malta. Applicants will be checked for height to ensure that they meet the requirements stipulated in paragraph 2 of this call. Applicants shall be required to pass a Physical Efficiency Test to ensure fitness to the Regular Force standards.

5.2 The minimum standards are as follows:

a. 1 mile run – not more than 8 minutes and 30 seconds for males, and 10 minutes and 18 seconds for females;

b. Push-ups – not less than 30 repetitions for males and 11 repetitions for females in a timed period of 2 minutes;

c. Sit-ups – not less than 37 repetitions for males and 35 repetitions for females in a timed period of 2 minutes.

5.3 L-applikanti jridu tal-anqas jilħqu l-istandard minimu f'kull test fiżiku biex jitqiesu li għaddew mill-Eżami ta' Effiċjenza Fiżika.

5.4 L-applikanti li ma jgħaddux minn wieħed mit-testijiet fiżiċi, jew il-1 mile run jew il-push-ups jew is-sit-ups, ikunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għal re-sit ta' dak it-test wieħed partikolari, fi żmien mhux inqas minn għaxart (10) ijiem wara li jkun sar l-ewwel test komplut, iżda xorta ma jkunux intitolati għal iżjed mill-marka minima ta' 150, irrispettivament mill-marki miksubin fit-testijiet fiżiċi l-oħra.

5.5 Ir-riżultati tal-Eżami ta' Parti I ikunu ppubblikati fuq is-sit uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta.

6. Parti II – Eżami tal-Kitba

6.1 Il-punti miksuba f'din il-Parti ma jiġux ikkunsidrati fl-ordni tal-mertu finali.

6.2. Il-Parti II tal-Proċess ta' Għażla titmexxa mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u mill-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Applikanti li m'għandhomx il-kwalifiki speċifikati f'paragrafu 2(f)(i) u/jew (ii) u/jew huma konformi parzjalment mar-rekwiżiti minimi tal-eżami tal-kitba f'sejħiet preċedenti skont paragrafu 2(f)(iii), għandhom ipoġġu għall-eżami tal-kitba fis-suġġetti rikjesti (il-lingwa Maltija, u/jew il-lingwa Ingliża u/jew il-Matematika). L-eżami jkollu format ta' għażla multipla (multiple choice). Kull karta tal-eżami għandha tul ta' siegħa u nofs (1½). Non-scientific calculators jistgħu jintużaw waqt l-eżami. Mudelli tal-karti tal-eżami jistgħu jiġu aċċessati mis-sit elettroniku (https://myexams.gov.mt/mt/local-public-examinations/).

6.3 Il-Parti II hija intiża biex turi li l-applikanti għandhom Livell 2 tal-MQF fil-lingwa Maltija, il-lingwa Ingliża, u l-Matematika, li huwa kumparabbli tipikament mas-Sillabi tal-Form II/III (Snin 8 u 9), u li jistgħu jiġu aċċessati mis-sit elettroniku (https://myexams.gov.mt/mt/local-public-examinations/).

6.4 Kull karta tal-eżami ġġorr massimu ta' 100 marka. Il-pass mark f'kull karta hija ta' 50 marka.

6.5 Il-Parti II issir kif ġej:

Malti: Nhar l-Erbgħa, 13 ta' Settembru, 2023
Ingliż: Nhar il-Ħamis, 14 ta' Settembru, 2023
Matematika: Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Settembru, 2023

Id-dati indikati huma suġġett għal bidliet. Madankollu, f'kull każ, il-kandidati jiġu infurmati għaxart (10) ijiem bil-quddiem mid-data tal-eżami.

5.3 Applicants must at least attain the minimum standard in each physical test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test.

5.4 Applicants who fail in one feat only, i.e. either the 1 mile run or the push-ups or the sit-ups, will be allowed to re-sit that one particular event not less than 10 days following the first complete test, but if successful in such re-test, will only be entitled to the minimum pass mark of 150, regardless of the scores obtained in the other feats.

5.5 Results pertaining to Part I shall be published on the Official Website of the Armed Forces of Malta.

6. Part II – Written Exam

6.1. Marks obtained in this Part will not be taken into consideration in the final order of merit.

6.2 Part II of the Selection Process will be conducted by the Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations. Applicants who are not in possession of the qualifications specified in paragraph 2(f)(i) and/or (ii) and/or are in partial compliance with minimum requirements of written examinations of previous calls as per paragraph 2(f)(iii), have to sit for a written examination in the required subject/s (Maltese and/or English language and/or Mathematics). The exam shall be in multiple choice format. Each examination paper shall be of a one and a half (1½) hour duration. Non-scientific calculators are allowed during the examination. Sample examination papers can be viewed by accessing the link (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

6.3 Part II is intended to demonstrate that applicants have an MQF Level 2 in Maltese language, English language, and Mathematics, which may be typically comparable to Form II/III (Year 8 and 9) syllabi which can be viewed by accessing the link (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

6.4 Each paper carries a maximum of 100 marks, whilst the pass mark in each of the papers is 50 marks.

6.5 Part II shall be held as follows:

Maltese: On Wednesday, 13th September, 2023
English: On Thursday, 14th September, 2023
Mathematics: On Friday, 15th September, 2023

The dates indicated are subject to change. In all cases, however, candidates will be informed ten (10) working days in advance of the date of the examination.

6.6 Ir-riżultati tal-Eżamijiet tal-Kitba jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika mid-Dipartiment tal-Eżamijiet. Fejn il-kandidati jipprovudu numru validu tal-mowbajl, tintbagħat notifika ta' kortesija permezz ta' SMS. L-applikanti jistgħu jitolbu reviżjoni tal-karta/i mhux iktar tard minn ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultati, skont il-kundizzjonijiet stipulati mid-Dipartiment tal-Eżamijiet li jiġu kkomunikati iktar 'il quddiem.

7. Parti III – Intervista

7.1 Il-Parti III titmexxa mill-Forzi Armati ta' Malta. L-intervista hija intiża sabiex jiġi żgurat li l-applikant huwa adattat għas-servizz tal-militar. L-applikanti huma mitluba li jġibu minimu ta' 150 punt minn massimu ta' 300 punt sabiex ikomplu jiġu kkunsidrati. Ir-riżultat huwa finali.

7.2 Applikanti li ma jgħaddux mill-intervista ma jingħatawx punti għall-kwalifiki addizzjonali.

7.3 Il-punti għall-kwalifiki addizzjonali se jiġu allokati kif ġej:

MQF Level 4 – 15-il punt kull suġġett
MQF Level 3 – 10 punti kull suġġett
MQF Level 2 – 5 punti kull suġġett (ħlief għall-core subjects)

7.4 Ir-riżultati tal-Intervista u tat-Test Militari jiġu ppubblikati fuq is-sit uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta.

7.5 Bl-eċċezzjoni ta' dawk il-kwalifiki msemmija f'paragrafi 7.6 u 7.7 hawn taħt, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC), fi ħdan l-Awtorità ta' Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA), liema talba għandha tiġi sottomessa online fis-sit (https://mfhea.mt/academic-qualifications/) Tali dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

7.6 Tista' ma tiġix ippreżentata d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-MQRIC fir-rigward ta' kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin self-accrediting bħall-Università ta' Malta, l-MCAST u l-ITS, jew xi kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-MFHEA.

7.7 Qabel ma jintalbu d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent skont il-paragrafu 7.5 hawn fuq, fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom, l-applikanti għandhom l-ewwel jikkonsultaw mal-List of Licensed Providers and Accredited Programmes tal-MFHEA li tista' tiġi aċċessata minn (https://mfhea.mt/list-of-licensed-providers-and-accredited-

6.6 Results pertaining to the Written Examination will be sent by email from the Department of Examinations. Where candidates provide a valid mobile number, a courtesy SMS notification will be sent. Applicants may request a revision of paper/s not later than five (5) working days from the date of issue of results, according to conditions established by the Department of Examinations which will be communicated in due course.

7. Part III – Interview

7.1 Part III will be conducted by the Armed Forces of Malta. The interview is designed to assess an applicant's suitability for military service. Applicants are required to obtain a minimum of 150 points from a maximum of 300 points to be considered further. The result is final.

7.2 In the event of failure in the interview, no points will be allocated for additional qualifications.

7.3 Points for additional qualifications will be allocated as shown hereunder:

MQF Level 4 – 15 points per subject
MQF Level 3 – 10 points per subject
MQF Level 2 – 5 points per subject (except for core subjects)

7.4 Results pertaining to the Interview and Military Test shall be published on the Official Website of the Armed Forces of Malta.

7.5 With the exception of those qualifications referred to in paragraphs 7.6 and 7.7 hereunder, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application at (https://mfhea.mt/academic-qualifications/) Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

7.6 No recognition statement by MQRIC is required in respect of qualifications issued by Maltese self-accrediting institutions, these include the University of Malta, MCAST and ITS, or any Maltese qualification that has been accredited by the MFHEA

7.7 Prior to requesting recognition statements as per paragraph 7.5 above in respect of their qualifications, applicants should first consult the List of Licensed Providers and Accredited Programmes of the MFHEA which can be accessed from (https://mfhea.mt/list-of-licensed-providers-and-accredited-programmes/) Applicants are exempt from

programmes/) L-applikanti huma eżentati milli jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent jekk huma jippreżentaw il-kwalifiki elenkati fil-lista. Kopja stampata tat-tali lista li tinkludi l-kwalifika għandha tiġi ppreżentata mill-applikant.

7.8 Fil-każ ta' kwalifiki mhux koperti b'paragrafi 7.6 u 7.7, l-applikanti jridu jissottomettu d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif deskritt f'paragrafu 7.5. L-applikanti li ma jkollhomx tali dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw xorta, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat li qed jilqa' l-applikazzjonijiet malli din tkun disponibbli, u fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mid-data tal-intervista. L-applikanti jistgħu jiġu assessjati b'mod proviżorju waqt li għadhom qed jistennew l-ekwivalenza tal-MQRIC għall-kwalifika/i tagħhom. Jekk ir-rapport tal-ekwivalenza jkun fin-negattiv jew ma jiġix ippreżentat sal-ġurnata tal-intervista, dawn l-applikanti jiġu skwalifikati mill-Proċess ta' Għażla.

7.9 Dawk li japplikaw bħala mużiċisti jkunu suġġetti għal udjenzi bi prova sabiex jiddeterminaw jekk il-livell ta' profiċjenza mużikali tagħhom hix tal-livell meħtieġ mill-Banda tal-FAM. Ir-riżultat huwa finali.

8. Parti IV – Test Militari

Din il-parti tal-Proċess ta' Għażla għandha tagħti lill-applikanti indikazzjoni tat-taħriġ tal-Armata biex tgħinhom jiddeterminaw jekk humiex tajbin għall-ħajja u d-dixxiplina militari. L-applikanti jkunu meħtieġa jattendu numru ta' eżerċizzji ta' natura militari.

L-applikanti li, għal xi raġuni, ma jtemmux b'suċċess din il-parti għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess ta' Għażla. L-applikanti li juru, lejn il-persuna jew applikanti oħra, kwalunkwe forma ta' mġiba li tikkostitwixxi reat militari minħabba li meqjusa għad-detriment tal-bon ordni u d-dixxiplina militari, għandhom jitqiesu li weħlu mil-Proċess ta' Għażla.

9. Parti V – Eżami Mediku

9.1 L-applikanti jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skont l-istandards tal-Forzi Regolari. Iktar informazzjoni fuq l-istandards tal-Forzi Regolari tingħata fuq talba uffiċjali mill-applikanti. Il-ġudizzju tal-Uffiċjali Mediċi tal-FAM dwar jekk kull applikant huwiex medikament b'saħħtu biex iservi fil-Forzi Armati ta' Malta jkun finali u konklussiv.

9.2 L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Uffiċjali Mediċi tal-FAM biex f'kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-servizz, dawn ikunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern u privat.

submitting a recognition statement if they are presenting qualifications listed therein. A print of such list including the qualification is to be presented by the applicant.

7.8 In the case of qualifications not covered by paragraphs 7.6 and 7.7, applicants are to submit the recognition statement as described in paragraph 7.5. Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available, and, in any case, by not later than the date of the interview. Applicants may be assessed provisionally whilst still awaiting MQRIC equivalence of their qualification/s. Should the equivalence report be in the negative or not presented by the date of the interview, such applicants will be disqualified from the Selection Process.

7.9 Those applying as musicians shall be subject to auditions to determine if their level of musical proficiency is aligned with the standard required by the AFM Band. The result is final.

8. Part IV – Military Test

This part of the Selection Process shall give applicants an indication of army training to help them determine if they are suitable for military life and discipline. Applicants shall be required to attend a number of exercises of a military nature.

Applicants who fail, for any reason, to complete this part shall be deemed to have failed the Selection Process. Applicants who display, towards directing staff or other applicants, any form of behaviour which would constitute a military offence due to it being considered detrimental to good order and military discipline, shall be deemed to have failed the Selection Process.

9. Part V – Medical Examination

9.1 Applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to the Regular Force standards. Further information on the Regular Force standards would be made available upon formal request by the applicants. The AFM Medical Officers' assessment of each applicant's medical fitness to serve in the Armed Forces of Malta will be final and conclusive.

9.2 Applicants give their consent to the AFM Medical Officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and private hospital. Any

Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista' tiġi rreferita mill-imsemmijin Uffiċjali Mediċi lill-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta kif xieraq.

10. Karattru morali

10.1 L-applikanti għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb. L-applikanti jagħtu fl-applikazzjoni, il-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta u aġenziji rilevanti oħra biex jipprovdu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

10.2 L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-FAM u jħallsu l-pagament dovut (€5.50) sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika. L-applikanti għandhom jehmżu l-irċevuta maħruġa mill-FAM mal-applikazzjoni u jiktbu n-numru tal-irċevuta fl-applikazzjoni. Applikazzjonijiet mingħjar dan li ġie mitlub ma jitqisux validi. Ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati.

10.3 Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM.

10.4 Il-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' xi kandidat li jkun għadda mil-Proċess ta' Għażla, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali li mhux aċċettabbli, jew inkella jkun tkeċċa mil-FAM, jew minn xi Korp dixxiplinat ieħor.

11. Ingaġġ

11.1 Il-kandidati li jintgħażlu jkunu meħtieġa jgħaddu minn Test Preparatorju ta' Effiċjenza Fiżika qabel jiġu ingaġġati biex jiġi żgurat li jkunu għadhom fiżikament f'saħħithom skont l-istandards tal-Forza Regolari.

11.2 Il-kandidati magħżula se jiġu ingaġġati sabiex jimlew il-postijiet vakanti bħala Gunner Rekluti u jkunu jridu jagħmlu taħriġ bażiku għal perijodu ta' mhux aktar minn 5 xhur. Rekluti jistgħu jiġu maħlula mis-Servizz jekk ma jilħqux il-livell meħtieġ.

11.3 Ir-rekluti li jlestu dan il-kors ta' taħriġ bażiku jiġu kkonfermati fir-rank ta' Gunner u jiġu impjegati fit-taqsimiet differenti tal-FAM skont l-esiġenzi tas-Servizz.

11.4 Ir-rekluti jitpoġġew fuq skala 15 fejn jibdew b'salarju ta' €16,452.64 fis-sena. Wara sentejn ta' servizz jiġu riskalati għal skala 14 u sussegwentament għal skala 13 wara erba' snin ta' servizz. Dawk li jiġu ingaġġati jistgħu jkunu wkoll eliġibbli għal allowance tal-Forzi Armati ta' Malta ta' €48.23 kull erba' ġimgħat.

irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said Medical Officers, to the appropriate Officers in the Armed Forces of Malta.

10. Moral character

10.1 Applicants shall be of good moral character. Applicants shall, in the application form, give their consent to the Malta Police and other relevant agencies to provide the AFM with their criminal records.

10.2 Applicants are to apply at the General Headquarters of the Armed Forces of Malta and pay the applicable fee (€5.50) so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes. Applicants are to attach the receipt issued by the AFM to the application form and include the receipt number in the application form. Applications submitted without this requirement shall not be deemed valid. Conduct certificates are not accepted.

10.3 Vetting will be in accordance with AFM policies.

10.4 The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful candidate who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined Force.

11. Enlistment

11.1 Successful candidates shall be required to attend a Preparatory Physical Efficiency Test prior enlistment to ensure fitness to the Regular Force standards.

11.2 Selected candidates shall be enlisted to fill vacancies as Gunner Recruits and will be required to undergo a basic training course of 5 months maximum duration. Recruits may be discharged from the Service should they fail to achieve the required standards.

11.3 Recruits who successfully complete the basic training course will be confirmed in the rank of Gunner in the AFM and shall be posted to various Units according to the exigencies of the Service.

11.4 Recruits will be placed on salary scale 15 with an initial salary of €16,452.64 per annum. They will proceed to salary scale 14 after two years of service and to salary scale 13 after four years of service. The enlisted persons may also become entitled to an Armed Forces of Malta allowance of €48.23 every four weeks.

12. Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

12.1 L-applikanti għandhom japplikaw permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt) mill- Ġimgħa, 7 ta’ Lulju, 2023 sal-Ġimgħa, 21 ta’ Lulju, 2023.

12.2. Flimkien mal-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom jipprovdu:

(i) ritratt tad-daqs tal-passaport bil-kulur;

(ii) irċevuta (datata wara l-pubblikazzjoni ta’ din is-sejħa) maħruġa mill-FAM għal-ħruġ tar-reġistru tal-kundanni Fedina Penali (ċertifikati tal-kondotta mhux aċċettati);

(iii) miżata tal-eżami ta’ €9.30 (mhux rifondibbli);

(iv) kopji skennjati b’mod ċar tal-paġni kollha taċ-ċertifikati u traskritti mitluba u dikjarazzjoni tal-Livell tal-MQF fejn applikabbli;

12.3 Id-dokumenti oriġinali u d-dikjarazzjonijiet ta’ rikonoxximent u/jew iċ-ċertifikati għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

12.4 Applikanti prospettivi huma mwissija biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom minħabba l-possibbiltà ta’ xi ħsara jew staġnar fl-internet u li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni. L-applikanti għandhom jiżguraw li, wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom, għandhom iżommu kopja tal-irċevuta mibgħuta lilhom permezz ta’ ittra elettronika, bħala referenza. L-applikanti jkunu meqjusa li jkunu applikaw sad-data u l-ħin tal-għeluq biss jekk ikollhom din l-irċevuta. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

12.5 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali u l-FAM, ikollhom is-setgħa, fil-partijiet rispettivi tagħhom, li jittrattaw sommarjament ma’ kull applikant li, waqt li jkun qiegħed isir il-Proċess ta’ Għażla, jinstab ħati ta’ mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tal-istruzzjonijiet maħruġa biex jiggwidaw lill-applikanti.

12.6 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar il-Proċess ta’ Għażla jekk tinstab xi irregolarità dwar dan il-Proċess ta’ Selezzjoni. Tħassir bħal dan jista’ jkun dwar il-proċess kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-Proċess ta’ Għażla.

12.7 Aktar informazzjoni fuq il-FAM tista’ tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (https://afm.gov.mt/).

Is-7 ta’ Lulju, 2023

12. Submission of Applications

12.1 Candidates are to apply through the Recruitment Portal of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (https://edurecruitment.gov.mt) from Friday, 7th July, 2023 till Friday, 21st July, 2023.

12.2 Together with the application form, applicants must provide:

(i) a colour passport-sized photograph;

(ii) receipt (dated after the publication of this call) issued by the AFM on application for issue of criminal record Fedina Penali (conduct certificates are not accepted);

(iii) an examination fee of €9.30 (non-refundable);

(iv) clear scanned copies of all pages of the requested certificates and transcripts including MQF Level statement where applicable;

12.3 Original documents, recognition statements and/or certificates are to be invariably produced during the interview.

12.4 Prospective applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their application since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. Applicants are to ensure that after the submission of their application, a copy of the receipt of payment received through an email, is to be kept for future reference. Applicants are deemed to have applied by the closing date and time, only if they are in possession of this receipt. Late applications will not be considered.

12.5 The Board of Local Public Examinations and the AFM shall, in their respective parts, have the power to deal summarily with any applicant who, while the Selection Process is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of applicants.

12.6 The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the Selection Process if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole process even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the Selection Process.

12.7 Further information on the AFM can be found on the AFM website (https://afm.gov.mt/).

7th July, 2023